MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 327/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Galea**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba fl-24 ta' Novembru 2004 mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Galea ta' 20 sena iben Joseph u Maria Isabella nee` D'Amico imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Frar 1984 residenti 25, Genova, Bwieraq Street, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 111784(M) talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Dicembru 2002 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanaza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr

ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmiija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu wkoll fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Settembru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Marco Galea hati skond l-imputazzjonijiet kollha – cioe` ta' traffikar ta' erojina, ta' pussess ta' l-istess

droga, kif ukoll ta' pussess tar-raza tal-pjanta *cannabis* – u, b'applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, ikkundannatu multa ta' erba' mitt lira (Lm400), pagabbli ratealment;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu prezentat fit-3 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata kwantu ghall-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; rat u ezaminat sew ir-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri, kummisjonat minn din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali jikkonsisti filli skond hu l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta applikat ghal dan il-kaz l-imsemmi *proviso*, cioe` l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Art. 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Skond l-Avukat Generali f'dan il-kaz ma kienux jezistu l-estremi li jiggustifikaw tali applikazzjoni.

**6.** Il-fatti brevement huma s-segwenti. Fiz-zmien imsemmi fl-imputazzjoni l-appellat Galea kien jaf lil certa Nadia Caruana. Huma kienu semplicement hbieb. Galea kien diga` dak iz-zmien beda jippizzika fid-drogi billi xi mindaqqiet jiehu *joint* u xi drabi kien anke pprova l-erojina, ghalkemm ma jistax jinghad mill-provi li huwa kien xi *addict* – pjuttost kien qed jaghmel dan kollu bhala esperimentazzjoni. Gurnata minnhom Caruana, li kellha sbatax-il sena, u Galea, li dak iz-zmien kellu biss tmintax-il sena, kienu wahedhom u l-imsemmija Caruana qaltlu li kienet imhajjra tiehu l-erojina. Ghall-ewwel l-appellat wera certu riluttanza biex jghin lil habibtu, izda ftit wara qalilha li meta jixtri ghalih kien ser jixtri ghaliha wkoll. Fi kliem l-imsemmija Caruana:

**"Lil Marco staqsejtu jekk Lm5 kienux bizzejjed u hu qalli li iva u allura ghidtlu jixtrili b'Lm5…Dak il-hin ma hallastux. Ahna konna miftehma li niltaqghu filghaxija ghal xi d-9.00 pm go Bugibba pero` minflok iltqajna**

**Paceville fid-9.00 pm. Paceville iltqajt ma' Marco, Ruben u l-ohrajn li ma nafhomx. Johnathan gie aktar tard. Marco dak il-hin qalli li kien xtara, tahieli u mort got-*toilet* tal-Black Bull go Paceville nehodha…Fit-*toilet* dhalt wahdi. Dak il-hin tajtu l-Lm5 liri taghha wkoll. L-erojina kienet maghmula fi trab kannella u kienet go karta kwadra x'hin tiftaghha. Kienet karta *plain* pero` ta' kulur kannella car hafna. Meta tahieli Marco kienet maghluqa f'forma ta' speci ta' *envelope* zghir. It-trab kien trab hafif u ma kienx maghqud. Marco qalli sabiex nehodha billi nigbidha minn imniehri…Fil-fatt meta kont fit-*toilet* jien ghamiltha f'zewg linji fuq il-*cupboard* tal-*flushing* u gbidthom minn imniehri. Jien ma weggajtx u ma hassejt xejn. Nikkalkula li x'hin hadtha kien id-9.15 pm. Wara xi ghaxar minuti hassejtni mitluqa u fil-fatt ma kellix aptit nimxi. Hassejtni *relaxed* u ma kelli aptit naghmel xejn. Kelli aptit norqod. Dan l-effett dam zgur sakemm kont wasalt lura d-dar u dan kien xis-1.30 am. Wara irqadt mill-ewwel u ma niftakarx x'gara ezatt wara li rqadt…Jien lil Marco kont tlabtu jgibli l-erojina u taghha hallastu Lm5 kif diga spjegajt…"** (fol. 43-44).

Effettivament matul il-lejl Caruana ttiehdet l-isptar issofri mill-effetti ta' *overdose*.

**7.** Il-kwistjoni kollha f'dana l-appell hija jekk fl-isfond ta' dawn il-fatti jistax jinghad li tezisti c-cirkostanza ta' "*sharing*" kif koncepita fl-imsemmi l-ewwel *proviso* tal-Art. 22(9). Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel *proviso* ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel

qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta’ l-2006, u jipprovdi hekk:

**“Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-suabrtikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu…”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah “sharing” – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma’ haddiehor f’dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma’ haddiehor – ikun qieghed jipprovdi (“supply” fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta’ traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta’ “sharing” – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma’ haddiehor – tkun tista’ (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba[1], il-piena mandatorja ta’ prigunerija b’effett immedjat.

[1] Ara it-tieni *proviso* tas-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 22: “Izda wkoll il-hati jista’ jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan.”

**8.** Issa, fil-kaz in dizamina, certament huwa nieqes l-element ta' "sharing" kif hawn aktar 'l fuq spjegat. L-appellat Galea xtara mhux biss ghalih, izda wkoll ghal Caruana, li hallsitu ghal dak li kien xtralha. Proprjament anqas jirrizulta sodisfacentement li Galea xtara ghalih ukoll f'dik il-gurnata, ghax fl-istqarrija tieghu hu nnega li f'dik il-gurnata kien xtara l-erojina. Fi kliem iehor, Galea pprovda d-droga lil Caruana, versu l-korrispettiv ta' hlas, u din marret tehodha waheda fit-*toilet* ta' l-istabbiliment aktar 'l fuq imsemmi. Ma kienx, ghalhekk, il-kaz li Galea kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih ma' Caruana – hu xtralha sehemha appozitament ghaliha, u kien nieqes ukoll l-element ta' "l-istess post". Konsegwentement l-ewwel qorti kienet skorretta meta applikat l-imsemmi l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, u l-appell interpost mill-Avukat Generali ghandu jintlaqa'.

**9.** Dan igibna ghall-kwistjoni tal-piena. Din il-Qorti f'dan il-kaz ghandha idejha marbuta – trid bilfors tikkundanna ghal minimu ta' sitt xhur prigunerija. U hekk ser taghmel. Jibqa' l-fatt skoncertanti, pero`, li quddiemha din il-Qorti ghandha zaghzugh ta' erba' w ghoxrin sena li, hlief ghal din l-okkazjoni wahda sitt snin ilu meta, f'mument ta' sbandament temporanju f'hajtu, huwa ssokkomba ghal talba li ghamlitlu habiba tieghu biex jixtrilha doza erojina (li in segwitu kienet ser tibghatha d-dinja l-ohra), huwa ghandu fedina penali kompletament nadifa. Kif osservat l-Ufficjal tal-*Probation* aktar 'l fuq imsemmija fir-rapport taghha, il-periodu li l-appellat dam jabbuza mid-droga kien wiehed ferm qasir (ara pagna 8, para. D2 tar-rapport), u bil-ghajnuna ta' l-Agenzija Sedqa huwa rnexxielu issa jzomm l-boghod mid-droga ghal diversi snin. Minkejja l-periodu li fih beda jesperimenta bid-droga, huwa kiseb diversi certifikati akkademici u ta' xoghol, fosthom mill-Brandstatter Group (Malta), mill-*Institute of Health and Safety* u mis-*City & Guilds*. Huwa kkompleta wkoll b'success il-kors ta' *technician apprentice* fil-qasam ta' l-ingenjerija mekkanika u elettronika ("mechatronics"). Aktar minn hekk, huwa ghandu impieg stabbli u ta' responsabbilta` ma' kumpannija li timmanifattura *security systems* u kollox jindika li qabad triq li ghandha twasslu

biex jibqa’ cittadin onest u biezel. Fi kliem l-imsemmija Ufficjal tal-*Probation*:

**“Marco Galea trabba mill-genituri tieghu flimkien ma’ tliet ahwa f’ambjent familjari pozittiv. Huwa ghandu relazzjoni ferm tajba mal-membri l-ohra tal-familja u ghandu s-sapport kollu neccessarju minghandhom. Huwa jghix mal-familja tieghu gewwa Birkirkara u s-sens t’ghaqda li hemm f’din il-familja tista’ titqies bhala l-aktar punt li ghen sabiex Marco ma jibqax jitkaxkar mill-vizzju tad-droga. Marco semma’ kemm il-darba li huwa, fost affarijiet ohra, jiddispjacih talli ghadda lil familtu, specjalment lil ommu, minn dan l-inkwiet kbir.**

**“Mill-periodu li fih sar ir-reat sal-lum, Marco Galea ma baqax student izda beda jahdem, beda relazzjoni stabbli ma’ tfalja u, aktar importanti, huwa m’ghadux jabbuza mid-droga. Jidher li meta gara l-kaz huwa kien ghadu fil-fazi t’esperimentazzjoni u ma kienx lahaq livell t’abbuz qawwi. Huwa kien baqa’ jattendi l-iskola u l-prestazzjoni tieghu baqghet wahda sodisfacenti fil-qasam skolastiku.**

**“Mill-informazzjoni migbura, jidher li huwa kien kapaci jieqaf mid-droga relattivament fi zmien qasir, minghajr ma harbat il-prioritajiet f’hajtu u, sakemm inqabad mill-pulizija, minghajr hadd ma nduna li kien qed jiehu d-droga. Barra minn hekk, huwa mdorri ma tantx jitkellem fuq il-problemi tieghu u jipprova jsib soluzzjoni wahdu ghall-affarijiet…Dan jista’ jitqies bhala aspett pjuttost pozittiv…**

**“Omm Marco ammettiet li minkejja li l-fatt li ghandu kaz il-Qorti hija trawma kemm ghal binha kif ukoll ghall-familja kollha, hija tgharaf li l-kaz stess ghen sabiex binha jigi f’tieghu u jieqaf jiehu d-droga. Fil-fatt, ghal periodu qasir, huwa mbaghad fittex l-ghajnuna ma’ l-Agenzija Sedqa sabiex jassigura li jzomm ‘il-boghod mid-droga.**

**“Mill-informazzjoni migbura, jidher li Marco minn dejjem kien dilettant ta’ l-elettronika. Huwa tharreg f’dan il-qasam u sab impieg fejn jipprattika dak li studja. Huwa jinsab ghal qalbu f’dan ix-xoghol minhabba li ghalih il-qasam ta’ l-elettronika huwa wkoll in-namra tieghu. Marco jsostni li ghandu l-ambizzjoni li jkompli jistudja u li jtejjeb il-posizzjoni tieghu fil-qasam ta’ l-elettronika.”**

Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha quddiemha kaz eccezzjonali fejn, fil-fehma kunsidrata taghha, il-piena ta’ sitt xhur prigunerija (erba’ xhur jekk tnaqqas il-*one-third remission for good conduct*) x’aktarx igibu fix-xejn dak kollu li l-appellat irnexxielu jikseb sa issa, u dan bi hsara mhux biss ta’ l-istess appellat izda wkoll tas-socjeta` li fiha l-appellat illum jinsab integrat pjenament bhala membru onest u biezel. Il-kaz meritu ta’ din il-kawza kien jirrigwarda att <u>wiehed</u> u ta’ darba ta’ traffikar ta’ ammont minimu (doza wahda) ta’ erojina fic-cirkostanzi aktar ‘l fuq imsemmija. L-appellat ma ghamel xejn biex huwa b’xi mod itawwal il-proceduri kontra tieghu – dawn bdew fl-2004 ghas-semplici raguni li l-ewwel kellhom jintemmu l-proceduri kontra t-tfajla Caruana. Il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati hadu l-kors normali taghhom kompatibbilment mal-volum ta’ xoghol li ghandha dik il-qorti.

**10.** Kaz eccezzjonali jirrikjedi mizuri eccezzjonali. Kif inghad, din il-Qorti ghandha idejha marbuta kwantu ghall-piena. Pero` f’kaz eccezzjonali xejn ma jzomm lil din il-Qorti milli tirrakkomanda l-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, l-appellat ghandu jservi biss <u>gimgha</u> prigunerija – b’hekk jigi saldat id-dejn li huwa ghandu mas-socjeta` fir-rigward ta’ l-att ta’ traffikar li huwa wettaq – u ghalhekk il-Qorti sejra llum stess tirrakkomanda lill-awtorita` kompetenti li, hlief ghall-imsemmija gimgha, il-kumplament tal-piena ta’ prigunerija jinhafer bil-kundizzjoni li Marco Galea ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin u li matul dawn it-tlett snin huwa jzomm kuntatt regolari ma’ l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri hawn aktar ‘l fuq imsemmija.

**11.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi:
i. thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn l-ewwel qorti applikat l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 101;
ii. tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat Marco Galea hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ erba mitt lira multa – illum multa ta’ Euro 931.74 – u dan bil-modalitajiet ta’ hlas rateali kif hemm indikat fl-istess sentenza tat-18 ta’ Settembru 2007; u
iii. tikkundanna inoltre lil Marco Galea ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------